**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Mejju, 2018**

**Talba numru 150/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 1**

**Charles Grech & Co Ltd (C2473)**

**Valley Road**

**Msida**

**Vs**

**Rosaria Gauci (136163M)**

**'Notre Repos'**

**Flat 1 Triq Ingraw**

**Mellieha**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' attrici prezentat fis-27 ta' April, 2016 li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob lill-konvenuta thallasha s-somma ta' elfejn mitejn u tmienja u

tletin ewro u disgha u disghin centezmu (€2,238.99c) rapprezentanti prezz ta' xorb u oggetti ohra migjuba u konsenjati lill-konvenuta;

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt; u li t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minhabba t-trapass ta' hames (5) snin.

Ikkunsidra dan li gej:

Il-konvenuta in subizzjoni (fol 23 et) tammetti li kienet tixtri l-birra minghand is-socjeta' attrici izda li skont hija hallset kollox u dan gara meta hija kellha l-Kazin Nicolo Isouard tal-Mosta. Skont hi dan kien disa' snin ilu. Hija xehdet li l-ircevuti tal-hlas ma ghadhomx ghandha. In kontro-ezami hija xehdet li l-hanut ilha li ghalqitu mis-sena 2009.

A fol 32 et xehed Mark Tanti in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li l-ammont ghadu dovut u li jirrigwarda konsenja ta' birra li saret f'Marzu, 2009. In kontro-ezami Tanti jammetti li l-konvenuta ma ghamlet ebda pagamenti akkont.

Ra x-xhieda tal-attrici fis-seduta tad-19 ta' April 2018 u l-kontro-ezami li permezz taghha baqghet issostni li ma ghandha taghti xejn kemm ghax hallset kollox u kif ukoll ghax ghaddew il-hames snin.

Ra d-dokumenti esebti

Ra li l-partijiet ghalqu l-provi u li l-kawza tista tithalla ghas-sentenza.

Ikkonsidra

Illi ghal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali dawn jirrigwardaw principalment l-eccezzjoni imqanqla mill-konvenuta li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Ma dan imbaghad jizdied l-ezercizju fattwali tal-ezami tal-provi dokumentali mressqa bil-hsieb li jissostanzjaw l-ammont tal-kreditu mitlub.

Illi wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li din l-eccezzjoni qeghda titressaq flimkien ma' eccezzjoni ohra fis-sens li l-kreditu pretiz huwa mhallas kollu u m'hemm xejn aktar x'jithallas. Dan mad-daqqa t'ghajn jistghu jidhru inkompatibbli ma' xulxin. Dan mhuwiex tabilfors il-kaz ghaliex l-exceptio soluti u l-eccezzjoni li l-kawza tressqet wara zmienha (jigifieri preskritta) ma jitfux lil xulxun bhala eccezzjonijiet inkompatibbli (vide App Inf 7.1.1939 Caruana vs Spiteri Kollez. Vol XXX.i.964).

Illi ghalhekk dan it-Tribunal l-ewwel irid jevalwa u jiddeciedi jekk l-azzjoni attrici hix preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Illi l-Artikolu 2156(f) jistipula l-preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin ghall-azzjonijiet ghal hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra meta l-kreditu ma jkunx jaqa' skont din il-ligi jew ligijiet ohra that preskrizzjoni aqsar jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.

Illi din id-disposizzjoni tal-Artikolu 2156(f) "ha inteso colpire le azioni tendenti a reclamare ogni credito qualunque ne fosse la causa (Francis Spiteri vs Eustrachio Petrococchino et qorti tal-Kummerc 09 ta' Jannar, 1919) salv dejjem fil-kaz fejn il-kreditu ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku u dan "ma jkunx jaqa' skont il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar.

Illi l-Art 2137 tal-Kap 16 jistablixxi li l-perjodu ta' preskrizzjoni ma jibdiex jiddekorri hlief minn dakinhar li l-azzjoni relattiva tkun tista tigi ezercitata (ara Laurent Diritto Civle Vol. 22 para.16). Ghalhekk dan it-Tribunal jrid jara meta twieldet l-azzjoni attrici. Vide Schembri Helen et vs Zahra Anthony George noe deciz 29/4/05 Prim Awla per GV.

Mill-atti jirrizulta (fol 35) esebita minn Mark Tanti ghas-socjeta' attrici li ammont pretiz mis-socjeta' attrici jikkonsisti f'wiehed kien dovut fis-27 ta' Marzu, 2009 u iehor fid-09 ta' Ottubru, 2009. Ebda prova ohra ma gabet is-socjeta' attrici dwar interruzzjoni ta' preskrizzjoni.

Illi l-kawza giet intavolata fis-17 ta' April, 2016 u l-konvenuta dahlet ir-risposta taghha fid-29 ta' Settembru, 2016 ghalkemm n-notifika skont il-procedura tal-affissjoni u

pubblikazzjoni kienet ghadha mhix finalizzata u ghalhekk jirrizulta car li tali notifika saret ferm aktar wara l-iskadenza tal-hames snin rikjesti mil-ligi u ghalhekk dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta u jichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

**Anna Mallia**
**Gudikatur**